MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2001

Avvi$Z Numru. 1187/2000/1

**Avviz Nru:- 1187/00 dm**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Osama Sherif**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbgha mija u hdax liri Maltin u sebghin centezmi (Lm411.70) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u 'airtime', ghall-istess uzu, moghti lilu mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mill-20 ta' April 1998 sal-10 ta' Marzu 2000.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' erbgha mija u hdax liri Maltin u sebghin centezmu (Lm411.70) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

B-imghaxijiet legali b'effett mill-5 ta' Settembru tas-sena 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------